V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10652 – MOL / LOTOS PALIWA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 236/07)

1. Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— MOL Hungarian Oil & Gas Public Limited Company ("MOL", l-Ungerija),

— LOTOS Paliwa sp. z o.o. ("Lotots Paliwa", il-Polonja).

MOL takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Lotos Paliwa kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MOL u l-entitajiet affiljati tagħha huma korporazzjoni integrata taż-żejt u l-gass tal-Ewropa tal-Lvant Ċentrali (Central Eastern European, CEE) attiva fis-segmenti tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass, ir-raffinar, is-servizzi midstream, kif ukoll is-servizzi tal-konsumatur (bejgħ bl-imnut tal-fuel). MOL tipproduċi u tbigħ ukoll petrokimiċi,

— LOTOS Paliwa tiġġestixxi network ta' pompi tal-petrol madwar il-Polonja bil-marka tad-ditta "Lotos".

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10652 – MOL / LOTOS PALIWA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË